**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Kostituzzjonali Nru **51/2022 (AD)**

**PHOENIX PAYMENTS LIMITED (C 77764)**

**VS**

**IL-KORP GĦALL-ANALIŻI TA' INFORMAZZJONI FINANZJARJA**
**U**
**L-AVUKAT TAL-ISTAT**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 10 ta' Novembru 2022**

**Il-Qorti**:

1. Dan huwa provvediment dwar talba għall-ħruġ ta' miżura proviżorja ossia *interim measure* magħmula permezz ta' rikors datat tnax (12) ta' Settembru 2022 (minn issa 'l quddiem ***ir-rikors odjern***), sabiex titneħħa l-pubblikazzjoni fuq is-sit tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (minn issa 'l quddiem ***FIAU***) tal-multa imposta fuq is-soċjeta' Phoenix

Payments Limited (minn issa 'l quddiem ***is-soċjeta' rikorrenti***), u dan sakemm jiġu deċiżi l-proċeduri kostituzzjonali odjerni, u cioe bin-numru 51/2022 (AD);

**Preliminari u Fatti tal-Każ Odjern**

*Ir-Rikors Promotur*

2. Jirriżulta mill-atti illi l-każ odjern jirrigwarda piena amministrattiva illi l-FIAU impona fuq is-soċjeta' rikorrenti permezz ta' ittra datata l-ewwel (1) t'Ottubru 2021 fl-ammont ta' €435,576, fit-termini tal-Artikolu 13 tal-Att kontra *Money-Laundering* (Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta) u Regolament 21 tar-Regolamenti kontra *Money-Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu (LS 373.01 tal-Liġijiet ta' Malta). Is-soċjeta' rikorrenti ħassitha aggravata minn din id-deċiżjoni tal-FIAU, u għalhekk ressqet appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-termini tal-Kap 373, liema proċeduri jinsabu sospiżi pendenti l-eżitu tal-kawża odjerna;

3. Is-soċjeta' rikorrenti ħasset ukoll illi kellha ilmenti ta' natura kostituzzjonali li għandhom x'jaqsmu mal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta, il-LS 373.01 u l-investigazzjoni li ġiet kondotta mill-Korp, u għalhekk intavolat il-kawża odjerna illi permezz tagħha s-soċjeta' rikorrenti qed titlob lil din il-Qorti tiddikjara illi l-Artikoli 12A, u/jew 13, u/jew 13A, u/jew 13B, 13C, u/jew 18, u/jew 19 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolament 21 tar-Regolamenti kontra *Money-Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu, jilledu d-drittijiet fondamentali tal-bniedem tas-soċjeta' rikorrenti hekk kif protetti mill-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u/jew l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea;

*It-Talba għall-Ħruġ ta' Interim Measure*

4. Permezz tar-rikors odjern, s-soċjeta' rikorrenti qed tagħmel referenza għall-informazzjoni dwar il-multa amministrattiva illi l-FIAU imponiet fuqha, liema informazzjoni ġiet pubblikata permezz ta' notifika maħruġa mill-FIAU li tidher fuq is-sit elettroniku tal-FIAU, fit-termini tal-Artikolu 13C tal-Kap 373. Din l-informazzjoni hija pubblikata fuq sit pubbliku minkejja illi hemm pendenti appell mill-imposizzjoni tal-multa, kif ukoll l-eżitu tar-rikors kostituzzjonali odjern;

5. Is-soċjeta' rikorrenti qed tilmenta illi l-Artikolu 13C, u l-pubblikazzjoni tal-multa qabel biss saret finali u qabel Phoenix kellha l-opportunita' tikkontestaha hija leżiva għad-drittijiet tagħha, għaliex tali pubblikazzjoni hija sejbien ta' ħtija qabel biss il-proċess kollu ta' kontestazzjoni jiġi konkluż u determinat. Is-soċjeta' rikorrenti tikkontendi fir-rikors odjern illi per konsegwenza tal-pubblikazzjoni tal-multa fuq is-sit elettroniku tal-FIAU, is-soċjeta' rikorrenti qed issofri preġudizzju u danni, kif ukoll diffikulta' kbira fl-operat tagħha, u cioe l-għeluq ta' kontijiet bankarji tagħha, terminazzjoni ta' kuntratti ma' klijenti tagħha, u spejjeż żejda minħabba *enhanced due diligence* li ġiet imposta wara l-pubblikazzjoni tal-piena;

6. Għaldaqstant, permezz tar-rikors odjern, is-soċjeta' rikorrenti qiegħda titlob lil din il-qorti sabiex:

> *"jogħġobha tagħti ordni ad interim fis-sens illi tordna lill-FIAU biex tneħħi l-pubblikazzjoni fuq is-sit elettroniku tagħha tal-multa imponiet fuq is-soċjeta' esponenti u dan sakemm jiġu deċiżi l-proċeduri kostituzzjonali in kwistjoni u dan taħt dwar il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."*

<u>*Risposta tal-Avukat tal-Istat għar-Rikors Odjern*</u>

7. B'risposta għar-rikors odjern datata erbgħa (4) t'Ottubru 2022, l-Avukat tal-Istat oġġezzjona għat-talba tas-soċjeta' rikorrenti sabiex tingħata ordni *ad interim* minn din il-Qorti, u dan għas-segwenti raġunijiet:

   a. Dak li qiegħda titlob is-soċjeta' rikorrenti huwa illi l-FIAU tikser il-liġi li tirregolaha u tobbligaha sabiex tippubblika n-notifika fit-termini tal-Artikolu 13C tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta;

   b. Il-*proviso* tal-Artikolu 13C tal-Kap 373 jagħmilha ċara illi jekk kumpanija tappella minn multa amministrattiva, dan il-fatt jiġi wkoll ippubblikat *"mingħajr ebda dewmien"*, sabiex jitwassal tagħrif rigward il-fatt illi dik id-deċiżjoni mhix finali;

   c. Illi l-elementi li jsawru l-għoti ta' *interim measure* ma jirriżultawx mill-fatti tal-każ odjern, u dan kif isegwi:

      (i) Skont l-Artikolu 13C(3) tal-Kap 373, is-soċjeta' rikorrenti għad għandha rimedju ordinarju a disposizzjoni tagħha, għaliex tista' tagħmel talba sabiex l-FIAU jittardja l-pubblikazzjoni, jew jippubblika tali piena fuq bażi anonimna, jew saħansitra ma jippubblikax tali multa amministrattiva. L-Avukat tal-Istat jissottometti illi tali talba kellha ssir mis-soċjeta' rikorrenti qabel ma tintavola talbiet għal miżura straordinarja bħal dik odjerna. Altrimenti, jkompli l-Avukat tal-Istat, is-soċjeta' rikorrenti setgħet ukoll irrikorriet għal talba għall-ħruġ ta' att kawtelatorju sabiex tissalvagwardja d-drittijiet pretiżi minnha;

      (ii) Ma jeżisti l-ebda fatt *prima facie* spettanti lis-soċjeta' rikorrenti li jista' jiġi nvokat minnha għal dak li għandu x'jaqsam mal-pubblikazzjoni ta' multi amministrattivi;

      (iii) Hemm lok illi kwalunkwe allegata ħsara tireġġa lura, għaliex l-eżitu tad-deċiżjoni aħħarija tiġi pubblikata fuq l-istess sit elettroniku tal-FIAU;

(iv) Il-provi prodotti ma jippruvaw l-ebda riskju reali u imminenti ta' danni serji u irreparabbli għas-soċjeta' rikorrenti;

8. L-Avukat tal-Istat għaldaqstant irrileva illi ma jeżistux ir-rekwiżiti estermi meħtieġa għall-ħruġ ta' tali miżura provviżorja, biex b'hekk it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti jiġu milqugħa. Konsegwentement issottometta illi t-talbiet kif dedotti fir-rikors odjern għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' rikorrenti.

*Risposta tal-FIAU għar-Rikors Odjern*

9. L-FIAU oġġezzjonat ukoll għar-rikors odjern, u dan għas-segwenti raġunijiet:

   a. Il-pubblikazzjoni lamentata saret skont l-obbligu impost mill-Artikolu 13C tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta;

   b. It-talba kontenuta fir-rikors odjern hija monka peress illi qed titlob l-impossibbli. Gialadarba l-pubblikazzjoni saret u tpoġġiet l-informazzjoni fid-dominju pubbliku, din ma tistax issa titreġġa' lura;

   c. Fi kwalsiasi każ, dak li qed titlob is-soċjeta' rikorrenti hija proċedura eċċezzjonali li mhix intiża li tingħata kull darba li jkun hemm xi allegazzjoni ta' ksur ta' dritt fondamentali. Fil-każ tar-rikorrenti: (a) la hemm prova *prima facie* li l-att in disputa ser jiksrilha d-drittijiet fondamentali, anzi l-liġi li taħtha ppubblika l-FIAU hija preżunta konformi mad-drittijiet fondamentali tal-bniedem; u (b) lanqas hemm *"an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb"*;

   d. Fi kwalsiasi każ, il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni fi stat demokratiku hija fl-interess pubbliku. Dan b'mod partikolari meta tali sanzjoni hija ta'

ċertu portata bħalma hi dik imposta fuq ir-rikorrenti in vista tan-nuqqasijiet regolatorji konsiderevoli misjuba fl-operat tagħha;

e. Fi kwalsiasi każ, id-digriet li qed tistrieħ fuqu s-soċjeta' rikorrenti mhux finali, u huwa soġġett għal appell.

**Il-Qorti**

10. Wara illi rat l-atti tal-kawża odjerna;

11. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar it-talba fir-rikors odjern waqt is-seduta tal-Ħamis, tlettax (13) t'Ottubru 2022;

12. Rat illi l-kawża baqgħet differita għas-seduta tal-lum għal provvediment rigward it-talba għal *interim measure* magħmula permezz tar-rikors datat tnax (12) ta' Settembru 2022;

13. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

14. Dak illi qegħdin jitolbu r-rikorrenti permezz tar-rikors odjern huwa l-ogħti ta' ordni proviżjonali, jew, kif inhi magħrufa aħjar, *interim measure* jew miżura *ad interim*. Dwar is-setgħa ta' din il-Qorti sabiex tagħti ordni ta' din ix-xorta, ġie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Joseph Emanuel Ruggier et vs Joseph Oliver Ruggier pro et noe et***[1]:

> *Din il-Qorti hi tal-fehma li fi proċeduri kostituzzjonali fejn jiġi allegat ksur tad-drittijiet fondamentali, kemm il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kif ukoll din il-Qorti għandhom is-*

[1] Appell Ċivili Nru 21/2005/1, Qorti Kostituzzjonali, 22 ta' Awwissu 2005

*setgħa li, f'ċirkostanzi eċċezzjonali [...] jagħtu dawk il-provvedimenti preventivi intiżi sabiex jiżguraw li sakemm tiġi determinata l-kawża kostituzzjonali, ma jsir xejn li jista' jnaqqas mis-setgħa ta' l-istess Qrati li jipprovdu rimedju adegwat u effettiv konformement ma' dak li jistabilixxu s-subartikoli (1) u (2) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u d-disposizzjonijiet korrispondenti tal-Kap 319* [Art 4(1) u (2)].

15. Hekk ukoll ġie stabbilit mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Sherif Mohamed Shennawyh vs L-Avukat Ġenerali et***[2]:

> *14. Din il-Qorti taqbel mad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u tikkonsidra li hi ġustifikata għas-segwenti raġunijiet.*
>
> *15. L-ewwel Qorti tagħraf li s-subartikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u s-subartikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta għalkemm ma jipprovdux b'mod speċifiku għall-ħruġ ta' miżuri ad interim, jagħtu s-setgħa b'mod ġenerali lill-Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali li "... tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna ...". Meħud in konsiderazzjoni l-imsemmija provvedimenti tal-liġi, l-insenjament ta' din il-Qorti għalhekk hu li Qrati ta' kompetenza kostituzzjonali għandhom is-setgħa li joħorġu ordnijiet ta' natura temporanja.*

16. *Interim measures* fil-kuntest tad-drittijiet sanċiti mill-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, ġew imbagħad definiti bħala,

[2] Rik Nru 82/2018, Qorti Kostituzzjonali, 29 ta' Marzu 2019

*[U]rgent measures which, according to the Court's well-established practice, apply only where there is an imminent risk of irreparable harm. Such measures are decided in connection with proceedings before the Court without prejudging any subsequent decisions on the admissibility or merits of the case in question.*[3]

17. Il-Qrati nostrana konsistentement applikaw l-ispirtu ta' din id-definizzjoni ta' miżuri *ad interim* saħansitra anke fil-każ ta' talbiet bħal dawk in eżami mressqa quddiem il-Qrati Maltin. Hekk per eżempju, ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Federation of Estate Agents vs. Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) et***[4]:

> *F'materja ta' l-hekk imsejħa interim measures huwa ċar l-insenjament ta' din il-Qorti li tali miżuri għandhom jittieħdu biss f'każijiet ta' urġenza u saħansitra f'każijiet ta' "urġenza estrema" fejn in-nuqqas ta' teħid ta' tali miżuri jirriżulta, jew jazzarda li jirriżulta, fi ħsara irreparabbli għall-interessi vitali tal-parti konċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jeħtiġilha tagħmel.* [Ara Q. Kost. ***Joseph Camilleri v. Avukat Ġenerali***, 1/7/2013 li ċċitat b'approvazzjoni mill-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" ta' Van Dijk et (4 ediz. 2006, paġna 113)]. *Din il-Qorti rriteniet ukoll li miżuri ad interim huma indikati f'każijiet eċċezzjonali* [Ara Q. Kost. ***Joseph Ruggier et v. Joseph Olivier Ruggier et***, 22/8/2005 #7, #11]. *Inoltre, tenut kont li talba għal "rimedju temporanju" taqa' biex tiġi konsidrata taħt l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 u 46(2) tal-Kostituzzjoni isegwi li l-proviso tal-istess subartikolu*

---

[3] *Factsheet* dwar *Interim Measures* maħruġa mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, Awwissu 2022 (https://www.echr.coe.int/documents/fs_interim_measures_eng.pdf)

[4] Appell Ċivili Nru 87/2013/1, Qorti Kostituzzjonali, 25 ta' Settembru 2014. Ara wkoll Rik Nru 45/2016, ***Angelo Frank Paul Spiteri***, Qorti Kostituzzjonali, 9 ta' Jannar 2017

*japplika wkoll għal dik it-talba* [Ara Q. Kost. ***Ryan Briffa v. Avukat Ġenerali***, 3/6/2013 #29] *u li għalhekk il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tista' tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha skont l-istess subartikoli f'kull każ fejn tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur il-persuna skont xi liġi ordinarja.*

18. Jirriżulta għalhekk illi huwa prinċipju assodat f'ġurisprudenza tal-Qrati nostrana illi miżuri *ad interim* ma jiġux akkordati għalxejn jew b'kapriċċ, iżda jingħataw f'każijiet fejn ikun hemm periklu illi bil-prosegwiment naturali tal-proċeduri, ser ikomplu jiġu ppreġudikati d-drittijiet fundamentali tal-persuna illi tkun qed tallega leżjoni tal-istess, b'dana illi ma jkunx jista' jingħata mill-Qorti illi tiddeċiedi dwar l-ilmenti proprja, fil-każ ta' leżjoni, rimedju illi jista' jitqies bħala adegwat u effettiv;

19. Huwa minnu illi allegazzjoni ta' drittijiet fondamentali tal-bniedem hija possibilment waħda mill-aktar allegazzjonijiet serji illi l-Qorti tista' tiġi rinfaċċjata biha, u dan stante illi d-drittijiet fondamentali tal-bniedem huma sagrosanti, u, kif minnhom infushom magħrufa, **fondamentali**, cioe ta' importanza ċentrali sabiex jiġi assigurat għejxien dinjituż. Din il-Qorti, bħala Qorti fil-kompetenza Kostituzzjonali, hija l-Qorti illi għandha fuqha l-pressjoni u d-dover primarju illi tindaga, taċċerta ruħha u tikkonferma illi d-drittijiet fondamentali tal-bniedem qed jiġu rispettati mill-Istat, u tara illi fejn ikun hemm leżjoni l-bniedem jingħata dak illi jista' jiġi kkunsidrat rimedju adegwat u effettiv għal tali leżjoni, u mhux rimedju illi effettivament ma jkun rimedju xejn. Huwa għalhekk illi l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jimponi fuq din il-Qorti s-setgħa (u l-obbligu) sabiex, *inter alia*, *"tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna"*;

20. Madanakollu, dan ma jfissirx illi talba għal miżura *ad interim* għandha tintlaqa' *across the board*, indiskriminatament, jew b'mod leġġer, speċjalment fi stadju fejn hemm biss <u>allegazzjoni</u> ta' leżjoni tad-drittijiet

fondamentali tal-bniedem. Li kieku kien hekk il-każ, ikun hemm il-potenzjalita' ta' leżjoni ta' drittijiet fondamentali oħra (inkluż id-dritt għal ġustizzja effettiva fis-sens illi l-proċeduri ġudizzjarji ma jiħdux fit-tul) u/jew stultifikazzjoni bla bżonn tal-proċeduri. Difatti huwa għalhekk illi din il-Qorti tqis, hekk kif ġie senjalat aktar 'il fuq, u kif jirriżulta wkoll minn deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta, illi miżuri *ad interim* ma jiġux akkordati kapriċċjożament, iżda f'ċirkostanzi eċċezzjonali fejn l-ogħti ta' miżura *ad interim* hija l-unika mezz kif jista' jiġi assigurat illi s-sejbien ta' leżjoni tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem ma tiġix aggravata bil-fatt illi tali leżjoni tkun tħalliet minn din il-Qorti tkompli sseħħ anke *pendente lite*, bil-konsegwenza illi rimedju effettiv ma jkunx jista' jingħata;

21. Tqum il-mistoqsija, iżda, dwar dak illi jikkostitwixxi *"eċċezjonalita' taċ-ċirkostanzi"* illi jippermettu talba għal miżura *ad interim* sabiex tiġi milqugħha. Anke jekk inhuwa insenjament mogħti fil-qafas tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, huwa relevanti (u ġie wkoll applikat u ċitat b'approvazzjoni mill-Qrati nostrana) dak illi ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Mamatkulov and Askarov v. Turkey***[5]:

> *104. Interim measures have been indicated only in limited spheres. Although it does receive a number of requests for interim measures, in practice the Court applies Rule 39 only if* **there is an imminent risk of irreparable damage***. While there is no specific provision in the Convention concerning the domains in which Rule 39 will apply, requests for its application usually concern the right to life (Article 2), the right not to be subjected to torture or inhuman treatment (Article 3) and, exceptionally, the right to respect for private and family life (Article 8) or other rights guaranteed by the Convention. The vast majority of cases in which interim*

[5] Appl Nr 46827/99 and 46951/99, European Court of Human Rights (Grand Chamber), Reports of Judgements and Decisions 2005-I, 4 February 2005 **(emfasi ta' din il-Qorti).** Ara wkoll ***Shamayev and Others v. Georgia and Russia***, Appl Nr 36378/02, European Court of Human Rights (Second Section), Reports of Judgements and Decisions 2005-III, 12 April 2005, § 473

*measures have been indicated concern deportation and extradition proceedings.*

*[...]*

*108. In cases such as the present one where there is plausibly asserted to be a risk of irreparable damage to the enjoyment by the applicant of one of the core rights under the Convention, the object of an interim measure is to maintain the status quo pending the Court's determination of the justification for the measure. As such, being intended to ensure the continued existence of the matter that is the subject of the application, the interim measure goes to the substance of the Convention complaint. As far as the applicant is concerned, the result that he or she wishes to achieve through the application is* ***the preservation of the asserted Convention right before irreparable damage is done to it****. Consequently, the interim measure is sought by the applicant, and granted by the Court, in order to facilitate the "effective exercise" of the right of individual petition under Article 34 of the Convention in the sense of preserving the subject matter of the application when that is judged to be at risk of irreparable damage through the acts or omissions of the respondent State.*

22. Hekk kif tispjega din il-Qorti kif diversement presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet ***HSBC Bank (Malta) p.l.c. vs L-Avukat tal-Istat et***[6], il-prinċipji enunċjati mill-Qorti ta' Strasburgu ġew applikati wkoll mill-Qrati Maltin, u, xi drabi, estiżi, b'tali mod illi kien hemm istanzi fejn il-Qrati Maltin taw rimedji anke f'sitwazzjonijiet illi fihom il-Qorti ta' Strasburgu ċaħad it-talba għal miżura proviżjonali. B'referenza għal numru ta' sentenzi mogħtija mill-Qrati

[6] Rik Nru 227/2019, Prim'Awla (Qorti Ċivili), Onor Imħ Grazio Mercieca, 16 ta' Ġunju 2020. Għalkemm il-mertu kien divers minn dak odjern, il-prinċipji legali sottolineati mill-Qorti għandhom ukoll applikazzjoni għall-mertu tal-każ odjern.

nostrana matul is-snin, ġew identifikati f'din is-sentenza ħames (5) elementi illi jistgħu jiġu llum konsidrati bħala *"għadd ta' linji-gwida fl-għoti o meno ta' interim measures"*, liema elementi jfakkru u jirriflettu anke dawk l-elementi identifikati f'***Mamatkulov*** suċitata:

1. *"Ir-rimedju jingħata biss meta **ma jkun hemm l-ebda rimedju ordinarju a disposizzjoni tar-rikorrent**"*;

2. *"Biex ikun jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ **prima facie ta' ksur** ta' jedd fundamentali. Mhux biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi **sitwazzjoni ipotetika** jew li **mhix ċerta li sseħħ**"*;

3. *"Tkun sejra sseħħ **ħsara li ma tkunx tista' titreġġa' lura** għall-**interessi vitali** tal-parti kkonċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jinħtiġilha tagħmel. Ingħad f'dan il-kuntest li l-għoti tal-interim order jingħata biss **eċċezzjonalment** f'każijiet ta' "**urġenza estrema**"."*;

4. *"L-eżistenza ta' **riskju imminenti**, li għalhekk jimmerita t-teħid ta' miżuri urġenti. Sabiex ikun hemm lok għat-teħid ta' interim measure il-ħsara mhedda jeħtieġ li tkun **mhux biss irreparabbli iżda wkoll imminenti** għaliex altrimenti ma jistax jingħad li hemm dik l-urġenza li tiskatta l-ħtieġa għat-teħid tal-miżura eċċezzjonali msemmija"*;

5. *"**Fil-każ li jkun hemm ġudikat, xorta jista' jingħata r-rimedju proviżorju, iżda biss f'każijiet verament eċċezzjonali**"*;

23. Meta wieħed imbagħad idur għall-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami, l-*interim measure* illi qiegħed jintalab fil-każ odjern huwa sabiex l-FIAU tiġi ordnata tneħħi l-pubblikazzjoni fuq is-sit elettroniku tagħha tal-multa imposta fuq is-soċjeta' rikorrenti fit-termini tal-Artikolu 13C tal-Kap 373 tal-

Liġijiet ta' Malta, u dan sakemm jiġi deċiż minn din il-Qorti jekk dan l-Artikolu jivvjolax id-dritt fondamentali tas-soċjeta' rikorrenti għal smigħ xieraq;

24. Din it-talba qed issir f'kawża fejn is-soċjeta' rikorrenti qed tilmenta illi l-fatt illi l-FIAU għandha, fit-termini tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta, il-poter taġixxi bħala investigatur, prosekutur u 'qorti', il-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni u l-proċess investigattiv illi wassal għad-deċiżjoni sabiex tiġi imposta l-multa, u l-abbuż tal-FIAU mid-diskrezzjoni mogħtija lill-istess Korp mil-liġi, jikkostitwixxu ksur tad-dritt fondamentali tas-soċjeta' rikorrenti għal smigħ xieraq fit-termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea;

25. L-Artikolu 13C tal-Kap 373 jistabbilixxi illi:

> *(1) Kull piena amministrattiva li tiġi imposta mill-Korp kif jingħad fir-regoli u regolamenti magħmula taħt l-artikolu 13, li teċċedi ħamsin elf euro (€50,000), għandha tiġi pubblikata fuq is-sit elettroniku uffiċjali tal-Korp, flimkien ma' kwalunkwe miżura amministrattiva imposta mill-Korp flimkien ma' dik il-piena amministrattiva u l-pubblikazzjoni għandha ssir fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol mid-data tan-notifika tal-piena amministrattiva lill-persuna suġġetta:*
>
> *Iżda meta jkun sar appell kontra l-piena amministrattiva skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13A, il-Korp għandu, mingħajr ebda dewmien, jippubblika informazzjoni dwar l-appell u fuq l-istatus tal-appell u l-eżitu tiegħu, inkluż informazzjoni dwar kwalunkwe deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) li timmodifika jew tirrevoka l-piena amministrattiva in kwistjoni fl-intier tagħha jew f'parti minnha.*

26. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tibda billi tagħmilha ċara illi l-eżami illi sejra tagħmel rigward dan l-Artikolu, kemm jekk tintlaqa' t-talba odjerna u kemm jekk ma tiġix milqugħa, bl-ebda mod mhu ser jinċidi fuq l-eżitu tal-kawża proprja. F'każ illi t-talba tiġi miċħuda, xorta waħda t-talbiet fil-mertu jistgħu jirnexxu wara li jinstemgħu l-provi u l-argumenti kollha fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u, bl-istess mod, il-fatt illi talba tiġi milqugħa issa lanqas ifisser illi t-talbiet fil-mertu sejrin awtomatikament bilfors jirnexxu. Dan hekk kif ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet ***Emanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et***[7]:

> *Illi fuq kollox, l-għoti tar-rimedju interlokutorju jew provviżorju ma għandu qatt jintalab jew jingħata b'mod li jippreġudika l-mixi nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab u bl-ebda mod ma għandu jintuża biex jorbot idejn il-Qorti li tagħtih dwar il-mod kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-sentenza tagħha jew kif tikkunsidra bis-serenita' jew l-indipendenza meħtieġa l-provi u l-argumenti li l-partijiet iressqu quddiemha;*

27. Fit-tieni lok, din il-Qorti tikkonsidra illi l-preokkupazzjoni tas-soċjeta' rikorrenti illi fuqha qed tibbaża t-talba odjerna hija preċiżament il-fatt illi l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-FIAU, liema deċiżjoni għadha *sub-judice* stante illi qiegħda tiġi appellata, qed toħloq sitwazzjoni ta' *adverse media* għas-soċjeta' rikorrenti, b'dana illi l-operat tas-soċjeta' rikorrenti u kumpaniji relatati magħha qed jiġu preġudikati;

28. Jirriżulta mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-FIAU illi minnha qed tilmenta s-soċjeta' rikorrenti[8], illi ġew pubblikati wkoll, fit-termini tal-*proviso* tal-Artikolu 13Ċ tal-Kap 373, id-dettalji tal-appell intavolat mill-FIAU, u cioe l-elementi illi fuqhom is-soċjeta' rikorrenti qed tibbaża l-appell tagħha, il-fatt

[7] Rik Nru 50/2013, Prim'Awla Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), Onor Imħ Joseph R Micallef, 2 ta' Ġunju 2014
[8] **Dok 1** anness mar-rikors odjern a fol 5 *et seq* tal-proċess

illi d-deċiżjoni tal-FIAU mhix ikkunsidrata finali peress illi hemm l-appell pendenti, u l-fatt illi l-Qorti tal-Appell jaf jikkonferma, ivarja u/jew jirriġetta, b'mod intier jew parzjali, d-deċiżjoni tal-FIAU kif mogħtija;

29. Ikkunsidrat dan, din il-Qorti tqis illi terzi persuni, fosthom dawk illi għandhom relazzjonijiet kummerċjali mas-soċjeta' rikorrenti, m'humiex biss informati dwar id-deċiżjoni tal-FIAU, iżda saħansitra anke dwar il-fatt illi din id-deċiżjoni mhix finali, u sejra tiġi ri-eżaminata minn Qorti t'Appell. Għaldaqstant, kwalsiasi preġudizzju illi jista' jiġi kkawżat lis-soċjeta' rikorrenti mhux ser jirriżulta mill-fatt illi d-deċiżjoni ġiet pubblikata *per se*, iżda mid-deċiżjoni ta' terzi persuni sabiex jitterminaw ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom mas-soċjeta' rikorrenti a bażi ta' deċiżjoni tal-FIAU illi għadha mhix finali;

30. B'analoġija, din il-Qorti tirrileva illi li kieku jkun hemm divjett fuq il-pubblikazzjoni ta' kwalsiasi deċiżjoni illi tkun għadha *sub-judice* jew soġġetta għal appell, l-ebda sentenza tal-Qrati nostrana ma tiġi pubblikata fuq l-*online portal* tal-Qrati tal-Ġustizzja, inkluż sentenzi illi dwarhom ikun hemm xi ilment ta' natura kostituzzjonali. Meta sentenza tal-Qrati tal-Ewwel Istanza tiġi pubblikata fl-interess ġenerali, huwa awtomatikament mifhum illi tali sentenza għadha soġġetta għal appell, u, difatti, fejn sentenza tiġi appellata, jiġi indikat ukoll illi hemm appell pendenti. Bl-istess mod, il-fatt illi l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni fil-każ odjern tinkludi wkoll dikjarazzjoni tal-fatt illi d-deċiżjoni ġiet appellata, huwa suffiċjenti, fil-fehma ta' din il-Qorti, sabiex tirrendi l-istess pubblikazzjoni bħala waħda illi mhix *prima facie* leżiva għad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti;

31. In oltre, jirriżulta minn **Dok C**[9] anness mar-risposta tal-FIAU għar-rikors odjern illi s-soċjeta' rikorrenti stess saħansitra rrilaxxjat *statement* illi fih indikat illi d-deċiżjoni tal-FIAU qed tiġi appellata, u illi ġew intavolati proċeduri kostituzzjonali mis-soċjeta' rikorrenti wara l-istess deċiżjoni. Jidher għalhekk illi s-soċjeta' rikorrenti diġa' ħadet ħsieb tippubblika wkoll il-verżjoni tagħha ta' dak illi qiegħda tallega, b'dana illi bħalma l-*media*

[9] A fol 68 *et seq* tal-proċess

informat lill-pubbliku bid-deċiżjoni tal-FIAU, is-soċjeta' rikorrenti informat lill-*media* bil-proċeduri intavolati sussegwentement;

32. F'dak illi huwa ħsara lis-soċjeta' rikorrenti illi ma jkunx jista' jitreġġa' lura, din il-Qorti tista' tirriskontra żewġ preġudizzji potenzjali, u cioe (a) telf ta' negozju; u (b) ħsara għar-reputazzjoni tas-soċjeta' rikorrenti;

33. Bid-dovut rispett, din il-Qorti ma tikkonsidrax illi dawn iż-żewġ forom ta' preġudizzji huma irrimedjabbli. F'dak illi huwa ħsara għar-reputazzjoni tas-soċjeta' rikorrenti, din il-Qorti tinnota illi f'**Dok A** anness mar-risposta tal-FIAU għar-rikors odjern, u cioe *Administration Measure Publication Notice,* huwa senjalat illi fil-każ illi Qorti t'Appell tordna r-revoka tal-multa imposta jew tvarjaha b'tali mod illi ma taqbiżx il-€500,000, kemm il-pubblikazzjoni kif ukoll id-deċiżjoni tal-Qorti t'Appell jibqgħu pubblikati fuq is-sit elettroniku għal perjodu ta' sena wara illi jiġu hekk pubblikati[10]. Dan ifisser illi bħalma l-FIAU tkun informat lill-pubbliku illi fuq is-soċjeta' rikorrenti ġiet imposta multa, l-FIAU tinforma wkoll lill-pubbliku illi l-Qorti tal-Appell varja l-istess deċiżjoni u bir-raġunijiet wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell. B'hekk jiġi assigurat illi r-reputazzjoni tas-soċjeta' rikorrenti terġa' tinbena, f'ka# illi tkun sofriet ħsara;

34. Tajjeb illi jiġi mfakkar, f'dan il-punt, illi fil-każ odjern, il-proċeduri quddiem il-Qorti t'Appell jinsabu preżentement sospiżi sakemm tiġi deċiża l-kawża Kostituzzjonali odjerna, b'dana illi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell ser tieħu in konsiderazzjoni l-eżitu tal-proċeduri odjerni. Dan ifisser illi jekk, għall-grazzja tal-argument, jiġi dikjarat minn din il-Qorti illi l-liġi illi fit-termini tagħha ngħatat id-deċiżjoni tal-FIAU kienet waħda leżiva għad-drittijiet fondamentali tas-soċjeta' rikorrenti, il-fatt illi l-Artikoli 13C ma jipprovdix għall-pubblikazzjoni ta' *updates* dwar il-proċeduri odjerni mhux ser jippreġudika l-pożizzjoni tas-soċjeta' rikorrenti. Dan stante illi l-Qorti tal-Appell ser ikollha awtomatikament tikkunsidra d-deċiżjoni ta' din il-Qorti, b'tali mod illi l-pubblikazzjoni ta' *updates* fuq is-sit elettroniku tal-FIAU dwar il-proċeduri t'Appell fit-termini tal-Artikolu 13C tal-Kap 373 sejrin

[10] Vide para 20 a fol 67 tal-proċess

awtomatikament jinkludu wkoll dak li jirriżulta mill-proċeduri odjerni, gialadarba l-proċeduri odjerni u l-proċeduri intavolati quddiem il-Qorti t'Appell huma intrinsikament dependenti minn xulxin;

35. Mill-banda l-oħra, f'dak illi huwa telf ta' negozju, din il-Qorti terġa' ttenni fl-ewwel lok illi hija tal-fehma illi dak illi qiegħed itellef in-negozju mhuwiex il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni mill-FIAU innifsu, iżda deċiżjonijiet interni ta' terzi. Da parti tal-FIAU, il-pubblikazzjoni tindika illi d-deċiżjoni mhix finali, b'dana illi negozji illi jagħżlu illi jitterminaw in-negozju tagħhom mas-soċjeta' rikorrenti qed jagħżlu illi jagħmlu hekk minkejja l-fatt illi huma ben konxji tal-fatt illi din id-deċiżjoni tal-FIAU tista' tiġi revokata. Fit-tieni lok, telf ta' negozju huwa telf prinċiparjament pekunjarju, u cioe ħsara illi ma tistax titqies illi hija irrimedjabbli;

36. In oltre, din il-Qorti ma tikkonsidrax illi n-nuqqas ta' miżura *ad interim* sejjer jikkawża lis-soċjeta' rikorrenti preġudizzju irrimedjabbli fis-sens illi din il-Qorti ma tkunx tista' tagħti mbagħad rimedju effettiv u adegwat fil-każ ta' sejbien ta' leżjoni tad-drittijiet fondamentali tagħha. Fost it-talbiet imressqa mis-soċjeta' rikorrenti fir-rikors promotur, it-talba (h) hija għal danni morali għall-ksur tad-drittijiet fondamentali illi s-soċjeta' rikorrenti qiegħda tallega illi seħħ, filwaqt illi talba (i) hija għal kull provvediment jew rimedju ieħor li din il-Qorti tħoss illi jkun opportun fiċ-ċirkostanzi. In konsiderazzjoni tal-fatt illi dak illi qiegħda tilmenta minnu s-soċjeta' rikorrenti huwa prinċiparjament telf ta' negozju, u cioe telf pekunjarju, ir-rimedju illi tista' tasal tagħti din il-Qorti f'danni jew kumpens għandu jkun rimedju effettiv u adegwat;

37. Finalment, din il-Qorti tinnota illi s-soċjeta' rikorrenti tagħmel referenza fir-rikors odjern għad-digriet mogħti minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet ***XNT Limited vs Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja et*** (Rik Nru 300/2022). Minkejja illi huwa minnu illi, f'dak il-każ, il-Qorti laqgħet talba għal *interim measure* bħal dik magħmula permezz tar-rikors odjern, tali provvediment għadu ma ġiex reż ġudikat, u appell minnu għadu pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

Konsegwentement, din il-Qorti ma tqisx illi hija marbuta bil-preċedent kreat mill-istess.

**Decide**

38. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad** it-talba tas-soċjeta' rikorrenti għall-ħruġ ta' miżura proviżorja ossia *interim measure*, sabiex titneħħa l-pubblikazzjoni fuq is-sit tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja tal-multa imposta fuq is-soċjeta' Phoenix Payments Limited, u dan sakemm jiġu deċiżi l-proċeduri kostituzzjonali odjerni, u cioe bin-numru 51/2022 (AD), kif magħmula permezz ta' rikors datat tnax (12) ta' Settembru 2022.

Bl-ispejjeż ta' dan l-episodju riservat għall-ġudizzju finali.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**PL Carina Abdilla**
**Deputat Reġistratur**